MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 251/2006

Kawza fil-lista: 31

**A B f' isimha proprju**
**u bhala kuratrici ad litem ta' binha minuri C B**
**vs**
**D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewwgu fit-13 ta' Dicembru 1999, u minn dan iz-zwieg twieled it-tifel C fl-24 ta' Frar 2001; li l-intimat irrenda l-hajja matrimonjali mpossibbli, stante li hu hati ta' adulterju, eccessi, sevizzi, mohqrija, theddid u offizi gravi fil-konfront ta' l-attrici; li b' digrieti moghtija pendente lite fit-3 ta' April u fis-6 ta' Mejju, tas-sena 2006 l-kura u kustodja tal-minuri giet fdata f' idejn l-attrici, b' access favur il-konvenut li gie wkoll ordnat ihallas

manteniment lill-attrici ghat-tifel minuri fl-ammont ta LM80 fix-xahar; li l-attrici giet awtorizzata skond il-ligi li tipprezenta l-istanza odjerna; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti: [1] tippronunzja s-separazzjoni bejn il-partijiet bi htija esklussiva tal-konvenut; [2] tillikwida l-manteniment pagabbli mill-konvenut lill-attrici, ghaliha u ghall-minuri, u li l-konvenut jigi ordnat ihallas direttament mill-introjtu tieghu l-manteniment hekk fissat; u tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kull dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand l-attrici; [3] taffida l-kura u kustodja tal-minuri lill-attrici, b' access xieraq favur il-konvenut; [4] tapplika fil-konfront tal-konvenut, in toto jew in parte, is-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kap.16; [5] ixxolji u tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti, u tassenja l-assi lill-partijiet; [6] tordna li l-konvenut jirrestitwixxi, fi zmien qasir u perentorju, il-beni dotali u/jew parafernali ta' l-attrici, jew jigi kkundannat ihallas il-valur taghhom; [7] tawtorizza lill-attrici sabiex tabita, flimkien mat-tifel minuri, fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenut; bl-ispejjez;

Rat li permezz ta' 'nota' prezentata mill-attrici fit-30 ta' Marzu 2010, din talbet li mas-separazzjoni hi tigi awtorizzata tirriverti ghal kunjom xbubitha 'Mizzi';

Rat ir-risposta guramentata prezentata mill-konvenut li biha eccepixxa: [1] li filwaqt li jaqbel mat-talba ghas-separazzjoni personali "ma jaqbilx li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment minhabba ragunijiet imputabbli lilu; [2] li ma hemmx lok li jithallas manteniment lill-attrici "anke peress li hija ghandha ntrojtu taghha", kif lanqas hemm lok ghal dekadenza fil-konfront tieghu; [3] li huwa ntitolat ghal access xieraq; [4] li mhux il-kaz li jigu applikati fil-konfront tieghu d-disposti ta' l-artikoli 48 u 52 tal-Kap.16; [5] li jaqbel li ghandha tigi xjolta u diviza l-komunjoni ta' l-akkwisti; [6] li l-attrici m' ghandhiex beni dotali u parafernali x' jigu restitwiti lilha; u [7] li d-dar taz-zwieg tal-partijiet tappartjeni esklussivament lill-konvenut;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma’ zewgha, il-konvenut, stante li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment unikament tort ta’ l-istess konvenut in bazi ghall-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 tal-Ligijet ta’ Malta; kif ukoll qed titlob li din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Minn naha tieghu l-konvenut, filwaqt li jaqbel mat-talba ghas-separazzjoni personali, qed jikkontesta l-htija mputata lilu mill-attrici.

**Separazzjoni Personali**
Illi mill-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti sodisfacentement provati.

Il-partijiet izzewwgu fit-13 ta’ Dicembru 1999, u minn dan iz-zwieg twieled it-tifel C fl-24 ta’ Frar 2001. F’Lulju 2005 il-konvenut telaq mid-dar konjugali sabiex mar jikkoabita ma’ certu E F li maghha kellu relazzjoni adulteruza. F’ Novembru 2005 huwa ttermina din ir-relazzjoni, u rritorna lura jabita fid-dar matrimonjali fejn kienu ghadhom joqghodu l-attrici u t-tifel. L-attrici tirrakkonta li meta’ gie lura, il-konvenut “beda jaghmilli hajti mizerja” u ghalhekk kienet kostretta li titlaq ‘il barra mid-dar mat-tifel “ghax ma stajtx nissaportih izjed u mort nghix m’ ommi bit-tifel fejn ghadni [nghix] sallum.” [Vol.1 – fol.142].

Sussegwentement l-imsemmija E F dahlet tghix mal-konvenut fid-dar konjugali taghhom. Fil-25 ta’ Dicembru 2007 din weldet tarbija registrata bhala bint missier mhux maghruf.

L-attrici tispjega li l-konvenut kien irresponsabbli fiz-zwieg; kien irid jibqa’ jghix il-hajja ta’ guvni, johrog u jidhol lura fis-sieghat bikrin ta’ filghodu u fis-sakra. Tghid li kien anke vjolenti maghha.

Hija tilmenta li matul il-konvivenza matrimonjali l-konvenut kien xhih maghha, u “fil-fatt mhux talli huwa qatt ma tani xejn mill-paga tieghu, talli anzi kien johodli l-flus mill-cashlink tieghi. Per ezempju, tkun ghadha kemm dahlitli l-paga, immur u ma nsib xejn ghax ikun gibidhom hu.” [Ibid – fols.142-143]

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*
Illi l-verzjoni attrici tinsab in parte konfortata minn xhieda prodotti mill-attrici; inoltre l-Qorti hija tal-fehema li x-xhieda moghtija mill-konvenut in subizzjoni [Vol.1 fols.132-135] mhix kredibli. Jigi osservat wkoll li, ghalkemm l-imsemmija E F [prodotta bhala xhud mill-attrici] cahdet li hi kienet tikkonvivi mal-konvenut, u sostniet li ma tafx min hu l-missier tat-tarbija li hi welldet f’ Dicembru 2007, tghid li “ghal dawn l-ahhar xhur jien bdejt relazzjoni mal-konvenut” [Ibid – fol.165; depozizzjoni tat-23 Ottubru 2008].

Illi din il-Qorti, wara li ezaminat l-provi akkwiziti, hija tal-fehema li, filwaqt li ghandha rizervi kbar dwar il-kredibilita’ ta’ parti mix-xhieda ta’ E Gassar, jirrizulta sodisfacentement provat li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment, u dan bi htija esklussiva tal-konvenut meta dan dahal f’ relazzjoni extra-matrimonjali ma’ l-imsemmija mara. Dan il-komportament abbuziv da part ital-konvenut jattira, fil-konfront tieghu, ex lege s-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kap.16

**Kura u Kustodja**
Illi huwa pacifiku li l-kura u kustodja tal-minuri Juanita ghandha tibqa’ fdata f’ idejn l-attrici; filwaqt li l-access favur il-missier ghandhu jibqa’ jigi ezercitat bil-modalita’ segwenti: kull nhar ta’ Tlieta u nhar ta Hamis, mill-5.00pm sat-8.00pm, u kull nhar ta’ Sibt u Hadd, b’ mod alternat, minn 12.00pm sas-6.30pm.

Illi tenut kont tal-fatt li ma jidhirx li hemm dizgwid bejn il-partijiet fuq dan l-aspett tal-kawza, kif ukoll ma jirrizulta xejn li jmur kontra l-interess tal-minuri, il-Qorti tordna li l-kura u kustodja tibqa’ fdata f’ idejn l-attrici, filwaqt li l-konvenut ikollu access ghall-minuri kif fuq indikat.

**Manteniment**

*Manteniment ghall-attrici*

Illi tenut kont li l-attrici tahdem u ghandha ntrojtu adegwat, mhux qed jigi fissat manteniment ghaliha, izda l-Qorti qed tafferma d-dritt ta' l-attrici li titlob manteniment ghaliha minghand il-konvenut, bhala l-parti sokkombenti fil-kawza, kemm il-darba din tisfa bla mezzi adegwati ghar-ragunijiet mhux fil-kontroll taghha.

*Manteniment ghat-tifel minuri*

It-tifel twieled fl-24 ta' Frar 2001, u ghalhekk illum ghandu 10 snin. Illi l-obbligu tal-konvenut bhala genitur tal-minuri huwa wiehed assolut, u ma hemmx dubju li l-konvenut huwa legalment obbligat jikkontribwixxi ghall-manteniment tat-tifel.

Illi skond digriet provvizorju moghti minn din il-Qorti fis-6 ta' Mejju 2006, fil-proceduri tal-medjazzjoni , il-konvenut kien gie ordnat, anke in bazi ta' ftehim f' dak iz-zmien raggjunt bejn il-partijiet, li jhallas lill-attrici bhala l-kontribut tieghu ghall-manteniment ta' ibnu, is-somma ta' LM80 [illum ekwivalenti ghal € 186] fix-xahar.

Ilum l-attrici qeda titlob li dan l-ammont jizdied ghal €233 [LM100] fix-xahar, filwaqt li l-ispejjez relatati mas-sahha tal-minuri u dawk edukattivi, jigu soportati bin-nofs bejn il-partijiet.

*Manteniment Arretrat*

Illi fin-nota guramentata taghha [prezentata fl-14 ta' Frar 2008] l-attrici ssostni li l-konvenut ilu ma jhallasha dan il-manteniment minn Awissu 2007; u f' nota guramentata prezentata fid-29 ta' Dicembru 2009 tikkonferma li minn Awissu 2007 hallas biss l-iskadenzi hemm indikati wara li kien gie kkundannat il-habs mill-Qorti Kriminali [vide wkoll xhieda attrici fol.162-163]. Tikkonferma li sa din id-data kien ghad fadallu jhallas tlieta u ghoxrin [23] skadenza li bir-rata ta €186.35 fix-xahar jammontaw, sad-29 ta' Dicembru 2009, ghas-somma ta' €4,286.05.

Ghalhekk sa' l-ahhar ta' Jannar ta' din is-sena l-konvenut ghandu jghati lill-attrici bhala manteniment arretrat is-somma komplessiva ta' sitt elef, seba' mija u tmien ewro **[€6,708]** [23x€186.35 = €4,286.05 + {13x€186.35 = €2,422.05}]

*Manteniment Futur*
Illi din il-Qorti, tenut kont tal-fatt li ma jirrizultax li l-konvenut ghandu xi kondizzjoni medika li timpedih milli jiggenera ntrojtu adegwat kif kien jaghmel fil-passat, u ghalhekk ghandu l-potenzjal li, jekk irid, jiggenera ntrojtu adegwat, u tenut kont tal-fatt li anke l-attrici tahdem, il-Qorti hi tal-fehema li, fic-cirkostanzi, ir-rata ta' €186 [ekwivalenti ghal LM80] kull erba' gimghat, hija gusta; filwaqt li tordna li l-ispejjez medici u dawk edukattivi relatati mal-minuri ghandhom jigu sopporati wgwalment bejn il-partijiet.

Illi, tenut kont li mill-provi tirrizulta l-inaffidabbilita' da parti tal-konvenut li jhallas il-manteniment dovut minnu, u tenut kont lid an il-manteniment huwa bzonjuz ghall-htigijet kwotidjanti tal-minuri, il-Qorti tikkunsidera opportun li tikkomputa dan il-manteniment f' somma wahda sabiex jigi assigurat il-hlas tieghu mill-konvenut.

Ghaldaqstant tordna li l-konvenut ihallas lill-attrici, <u>ulterjorment</u>, is-somma ta' sbatax-il elef tmien mija disa u tmenin ewro, sittin centezmu **[€17,889.60]** [€186.35x12x8] minn Frar 2011 sa Frar 2019. Jigi precizat li dan l-ammont ma jinkludix nofs l- ispejjez medici u edukattivi tal-minuri li jibqghu jinkombu fuq il-konvenut.

Ghalhekk in linea ta' manteniment, arretrat u futuur, il-konvenut ghandu jaghti lill-attrici s-somma komplessiva ta' **€24,597.60** [€6,708 + €17,889.60]. Il-Qorti tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici dan l-ammont komplessiv. Inoltre tordna li l-imsemmija somma ta' €17,889.60 ghandha tigi depozitata minnha f' kont bankarju fiss, f' wiehed mill-banek lokali, li minnu hi tkun awtorizzata tigbed biss l-ammont mensili ta' €187 flimkien ma' l-imghax relattiv, jew kull ammont iehor li jigi ordnat mill-qorti kompetenti.

**Komunjoni ta’ l-Akkwisti**
Illi din tikkonsisti fis-segwenti:
[1] Ghamara fil-fond “Evergreen” Flat 2 Triq Hadd in-nies, Haz-Zabbar, kif ukoll l-effetti mobbli;
[2] Kontijiet bankarji;
[3] Somma ta’ LM4,400 mhallas mis-socjeta’ assikuratrici Elmo Insurance Ltd., relattiva ghall-vettura Kia Rio;
[4] Krediti tal-komunjoni, rapprezentanti flus mahruga waqt iz-zwieg biex jithallsu l-pagamenti tas-self fuq id-dar matrimonjali parafernali tal-konvenut; kif ukoll flus mahruga waqt iz-zwieg sabiex isiru finishings u miljoramenti fl-istess fond;

***Ghamara u Effetti mobbli***
Illi l-attrici tghid li, salv ghal kamra tas-sodda tat-tifel li giet moghtija lilha minn ommha, l-ghamara u effetti mobbli fid-dar konjugali gew mixtrija fiz-zwieg, u huma tal-komunjoni. Hi wkoll ipprezentat ricevuti [Vol.3 fols.516 et seq.]dwar flus mahruga biex intxtraw dawn l-affarijiet.

Ghalhekk il-Qorti tordna li l-assenjazzjoni ta’ dawn l-affarijiet issir bil-mod segwenti:
[a] dawk l-oggetti li hi pprezentat ir-ricevuta taghhom, ghandhom jibqghu jinzammu mill-konvenut li minn naha tieghu ghandu jghati lill-attrici nofs is-segwenti ammonti: LM215, LM350, LM720, LM47 u LM80 [stereo, satellite dish u mobbli ohra li ghalihom jirreferu r-ricevuti a fols.522 u 528] b’ kollox ammonti ghal LM1,412, u ghalhekk il-konvenut huwa ordnat li jhallas lill-attrici l-ammont ta’ elf sitt mija erba u erbghin ewros u disghin centezmi **€1,644.90** [LM706];

[b] Illi in kwantu ghall-oggetti l-ohra, dawn ghandhom jigu valutati u nofs il-valur taghhom jinghata lill-attrici; eskluzi l-oggetti dotali gja ttiehda minnha.

***Depoziti Bankarji*** – kull parti ghandha izzomm il-kontijet rispettivi li jinsabu fuq isimha;

***Is-somma ta’ LM4,440,*** - illum €10,342, li l-konvenut zamm ghalih, ghandha tinqasam ugwalment bejn il-

partijiet, u ghalhekk il-konvenut ghandu jghati lill-attrici s-somma ta’ hamest-elef mija u tnejn u sebghin ewro u sittin centezmu **[€5,172.60]** [LM2,220], filwaqt li hu jzomm il-vettura li ghandu fil-pussess tieghu fil-prezent;

***Krediti tal-Komunjoni***

*Pagamenti tal-Home Loan*

Mill-provi jirrizulta li, wara z-zwieg, il-pagamenti fuq is-self bankarju tad-dar konjugali parafernali tal-konvenut, baqghu jigu effettwati; u fl-affidavit taghha l-attrici tghid li thallsu circa LM12,000 li hi ghandha tieghu nofs dan l-ammont, u cioe’ sitt elef lira maltin. Il-Qorti ezaminat il-kontijiet bankarji tal-House Loans, ezebiti fil-process, u cioe’ il-kontijiet numri 3510753302-1 [Fols.213-211] u 3510753302-8 [Fols.226-231], u minn hemm jirrizulta li l-konvenut fis-snin 2001 sa 2006 ghamel pagamenti ta’ €5856 [ekwivalenti ghal LM2,514.06] u €8859 [ekwivalenti ghal LM3,803], b’ kollox €14,715 [ekwivalenti ghal LM6,317]. Ghalhekk l-attrici ghandha tiehu minghand il-konvenut nofs dan l-ammont, u cioe’ **[€7,358.14]** [LM3,158], u l-Qorti tordna li l-konvenut ihallas dan l-ammont lill-attrici.

*Miljoramenti u Furnishings*

Illi rigward dawn ix-xogholijiet u oggetti li saru fid-dar konjugali parafernali tal-konvenut, il-Qorti taghmel referenza ghar-ricevuti prezentati mill-attrici a fols.516 et seq. indikati, liema pagamenti saru fil-fond de quo wara d-data taz-zwieg. Ghaldaqstant il-konvenut, filwaqt li ghandu jzomm dawn il-miljorament bhala parti mill-fond tieghu, qed jigi ordnat li jghati lill-attrici nofs is-segwenti ammonti LM250, LM94, LM677, LM100, LM67, LM25, LM15, LM1,990, LM427 u LM231 [fire-place, vertical blinds, bibien, plumbing[shower], mera kama tal-banju, zebgha, dawl, kcina u fitted appliances], b’ kollox €9,029 [ekwivalenti ghal LM3,876] li n-nofs tieghu jekkwivali ghal erbat elef, hames mija u hmistax-il ewro u erba u hamsin centezmu **[€4,515.54]**[LM1,938].

Dan premess u kkunsidrat il-konvenut huwa ordnat li jaghti lill-attrici l-ammont komplessiv ta’ tlieta u erbghin elf, tgmien mija u zewg ewro, u sitta u tmenin

centezmu**[€43,802.86]** rapprezentanti s-segwenti ammonti €6,708+€17,889+€1,644.98+€5,172.60+€7,358.14+€4,515.54, u €514.60 li jirrapprezenta d-drittijiet u l-ispejjez tal-perit legali tax-xoghol li lahaq lesta, mhallsa mill-attrici.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bi htija esklussiva tal-konvenut;

[2] tilqa' it-tieni talba limitatament u fis-sens kif fuq stabbilit, u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Manteniment';

[3] tilqa' it-tielet talba fis-sens fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Kura u Kustodja';

[4] tilqa' ir-raba talba u tapplika kontra l-konvenut id-dispost ta' l-artikolu 48 tal-Kap.16 fl-intier tieghu;

[5] tilqa' il-hames talba u tiddikdjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti, u tillikwidaha u tassenjha kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni 'Komunjoni ta' l-Akkwisti';

[6] tilqa' is-sitt talba u tordna li l-konvenut fi zmien gimgha jikkonsenja lill-attrici l-kxaxen tal-kamra tas-sodda u tas-sett ta' fuqu, il-kamra tas-sodda tat-tifel, id-deheb tat-tifel [li ma giex elenkat mill-attrici] u l-affarijiet tal-loghob tat-tifel mixtrija mill-partijiet;

[7] tichad is-seba' talba;

Tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha, cioe' 'Mizzi';

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------